**QORTI TAL-MAGISTRATI ( MALTA )**

BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT:

DR JOSEPH CASSAR BA.,LL.D.

**Il-Pulizija**

(Spettur Jeffrey Cilia )

**vs**

**Richard Bugeja**

Illum 29 ta` Lulju 2002.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imsemmi Richard Bugeja, ta' 45 sena bin Emanuel Bugeja u Georgina nee' Busuttil, imwieled Pieta' fis-16 ta'Novembru 1956 residenti 163/8, Triq l-Arkata, Paola, u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 757356(M), talli:

1. Fit-3 ta'Gunju, 1999, u matul ix-xhur ta' qabel din id-data, fil-Marsa, f'Rahal Gdid u f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozzjonijiet

tal-ligi li gew maghmulin b'resoluzzjoni wahda u cioe':

2. Talli ikkommetta serq ta' diversi oggetti, fosthom kwantita ta' viti, nases tal-grieden, u saqajn ta' l-imwejjed, mill-Continental Postform Ltd., sitwata gewwa il-Qasam industrijali tal-Marsa ezattament gewwa Triq Garibaldi, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (LM 1,000) u hin u li sar ghad-detriment ta' l-istess kumpanija.

3. U aktar talli xjentament b'kull mod li jkun, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg, misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat li fis-seduta tal-llum l-akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih.

Issibu hati ta' l-ewwel zewg akkuzi kif dedotti u mhux hati tat-tielet.

Rat l-artikoli 261, 263, 267, 270, 18, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta kif wkoll tal-Artikolu 9 tal- Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta

Billi l-akkuzat ghamel tajjeb ghall-oggetti misruqa ser tapplika l-imsemmi Artikolu 9 tal-Kapitolu 152.

Ghalhekk filwaqt li ssibu **hati, tilliberah taht il-provvedimenti tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 b`dan li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) mill-lum.**

Il-Qorti qed tfisser lill-hati xi tfisser din il-kundanna kif mitluba li taghmel bil-ligi.

Vera kopja

Dr Joseph Cassar

MAGISTRAT

M.Mifsud, B.A

Dep Reg.